

32007R0326

28.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 87/3

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 326/2007****tas-27 ta' Marzu 2007****li, għas-sena 2007, jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1518/2003 rigward id-dati tal-ħruġ tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1518/2003 tat-28 ta' Awissu 2003 li jniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal<sup>2</sup> jipprovdi li l-liċenzji ta' l-esportazzjoni jinħarġu nhar l-Erbgħa tal-ġimgħa ta' wara dik li matulha jitressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, sakemm il-Kummissjoni ma tkun ħadet l-ebda miżura partikolari f'dak il-perjodu.
- (2) Fil-qies tal-ġranet ta' vaganza tas-sena 2007, u tal-pubblikazzjoni irregolari tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* matul dawk il-ġranet, jirriżulta li l-perjodu bejn it-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u l-jum tal-ħruġ tal-liċenzji huwa qasir wisq biex jiżgura ġestjoni tajba tas-suq. Għaldaqstant jeħtieġ li dan il-perjodu jittawwal.
- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tas-suq tal-laħam tal-majjal,

<sup>1</sup> ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

<sup>2</sup> ĠU L 217, 29.08.2003, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11).

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, għas-sena 2007, il-liċenzji għandhom jinħarġu fid-dati murija fl-Anness ta' dan ir-Regolament preżenti.

Din id-deroga tapplika sakemm, qabel id-dati msemmija tal-ħruġ, ma tkun ittieħdet l-ebda waħda mill-miżuri partikolari pprovduti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003,

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
*Jean-Luc DEMARTY*  
*Direttur-Ġenerali għall-Agricoltura u għall-*  
*Iżvilupp Rurali*

*ANNEX*

<b>Perjodi għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji</b>	<b>Dati tal-ħruġ</b>
<b>Mit-2 sas-6 ta' April 2007</b>	<b>It-12 ta' April 2007</b>
<b>Mit-23 sas-27 ta' April 2007</b>	<b>It-3 ta' Mejju 2007</b>
<b>Mit-30 ta' April sa l-4 ta' Mejju 2007</b>	<b>IL-10 ta' Mejju 2007</b>
<b>Mill-21 sal-25 ta' Mejju 2007</b>	<b>Il-31 ta' Mejju 2007</b>
<b>Mis-6 sa l-10 ta' Awissu 2007</b>	<b>Is-16 ta' Awissu 2007</b>
<b>Mis-17 sal-21 ta' Diċembru 2007</b>	<b>It-28 ta' Diċembru 2007</b>
<b>Mill-24 sat-28 ta' Diċembru 2007</b>	<b>L-4 ta' Jannar 2008</b>